# Siġġiewi Album . . .

# L-ORGANISTA SALVU MAMO

**Is-Surmast Salvu Mamo twieled u għex hawn fis-Siġġiewi. Huwa kien għamel żmien twil ħafna bħala organista magħruf sewwa fil-Knisja tagħna tas-Siġġiewi. Huwa kien dam organista f'din il-Knisja għal madwar 40 sena.**

Salvu Mamo twieled fis-Siġġiewi fl-1868. Jidher li studja l-orgni meta kien diġà mdaħħal fiż-żmien. Għall-bidu, infatti, kien jaħdem bħala "Surveyor" għax il-ħolma tiegħu kienet li jilħaq perit. Infatti għall-ewwel huwa kien imħarreġ sew fis-sengħa tal-bini, għaliex kien bin is-sengħa billi missieru Luigi u anke ħuh Carmelo kienu bennejja tajbin ħafna u ta' min jafdahom ħafna rigward xogħol ta' kostruzzjoni. Huwa kien ippjanta ħafna djar sbieħ u kbar ħafna bi preċiżjoni l-aktar kbira.

Bħal ma għidt aktar hawn fuq, Salvu xtaq ħafna li jsir perit għalkemm kellu ħafna nklinazzjonijiet sbieħ ġo fih għal din il-professjoni, peri' mill-banda l-oħra minħabba nuqqas ta' finanzi, huwa ma setgħax ikompli l-istudji tiegħu universitarji. Fost xi djar sbieħ li ppjanta nsibu dik tat-Tabib Kalċidon Zammit, dik ta' Dun Ġużepp Camilleri, dik ta' Dun Ġużepp Aquilina u bosta oħrajn.

Il-karriera ta' organista bdiet ġo fih minħabba każ kurjuż ħafna. Ix-xorti riedet li darba qala' pjanu b'ringrazzjament għal pjant ta' villa sabieħa w elaborata li huwa kien ħejja għal wieħed sinjur. Salvu tant ħareġ ta' raġel ma' dan is-sinjur rigward il-villa li kienet f'tas-Sliema li s-sinjur kellu pjanu għat-tifla tiegħu li kienet għadha titgħallmu u qabad u taħulu u ġabulu d-dar tiegħu fis-Siġġiewi ġo truck. Dak iż-żmien Salvu kellu madwar xi 30 sena u sa dak inhar li ġablu l-pjanu d-dar lanqas biss qatt ma ħolom bil-mużika, difatti lanqas nota waħda biss ma kien għadu jaf.

Permezz ta' dan il-pjanu, Salvu tant ħa l-mużika bis-serjetà li kien pront mar jitgħallem il-mużika għand żewġ surmastrijiet ċelebri ta' dak iż-żmien. Huwa beda l-istudju tiegħu tal-mużika — teorija, armonija, u kuntrapunt, — taħt is-Surmast Giuseppe Abdilla u aktar tard taħt Maestro Carmelo Botti. Huwa studja l-orgni kif ukoll il-pjanu. Ma kienitx tgħaddi ġurnata waħda biss li dan Salvu ma kienx jipprattika l-mużika. Drabi kien iħobb idoqq xi biċċa mużika fuq il-pjanu u b'majestrija liema bħala kien iħobb isallab u jikkrossja idejh it-tnejn fuq it-testiera tal-pjanu. Kienu l-aktar gost tiegħu meta kien isib lil xi ħadd li kien jaf idoqq il-pjanu sewwa u joqgħodu jdoqqu l-istess pjanu t-tnejn flimkien.

Salvu Mamo kien tgħallem u ipprattika wkoll kif issir it-tiswija, l-qlugħ minħabba xi ħsara jew xi difetti fil-mekkaniżmu, manutenzjoni etċ., kemm dak tal-pjanu u wisq aktar tal-orgni. Huwa kien iġibhom perfettismi daqs li kieku għadhom ġodda. Ta' spiss in-nies kienu iġibu l-pjanu tagħhom id-dar tiegħu stess sabiex huwa joqgħod jaqla', jirranġa u jsewwihom u anke jikkordahom waħdu fid-dar fil-kwiet. Drabi ġieli kellu xi tmien pjanijiet għat-tiswija għaliex kellu paċenzja l-aktar kbira għal magħhom. Tant sar jifhem kemm fl-orgni kif ukoll fil-pjanu li kien kapaċi jsewwihom daqs bniedem tas-sengħa. Kemm-il darba ġie imqabbad jaqla' orgnijiet kbar tal-knejjes, fosthom dak li hemm preżenti wara l-bieb il-kbir fil-Knisja tas-Siġġiewi, dak tal-Mosta u ħafna oħrajn.

Huwa kien ikun imqabbad ukoll sabiex jagħti s-servizz tiegħu billi jdoqq diversi orgnijiet differenti imferxin ma' Malta kollha għal diversi funzjonijiet reliġjużi u festi minħabba li xi organist jinzerta jkun indispost, fosthom Ħaż-Żebbuġ, il-Mosta, u San Pawl tal-Belt. Huwa kien ukoll jikkomponi bċejjeċ ta' mużika sagra u kiteb ħafna mużika għall-orgni u anke vuċijiet u korijiet li jindaqq f'diversi festi u okkażjonijiet reliġjużi matul is-sena kollha, kif ukoll anke kiteb xi quddies u mużika oħra.

Is-Siġġiwin ta' dak iż-żmien kienu jħobbu ħafna l-mużika u kemm-il darba kienu

# L-organista Salvu Mamo

*ikompli minn paġna 15*

jiċċajtaw miegħu u kienu jgħidulu sabiex idoqq diversi bċejjeċ mużikali bħal sinfoniji, pastorali, eċċ., fuq l-orgni u Salvu kien jissodisfahom billi kien jaqtalhom xewqithom u huma kienu l-ors tagħhom jisimgħuh idoqq b'tant sengħa u kapaċita liema bħala.

Salvu kien maħbub u ammirat minn kulħadd għax huwa kien raġel ġust u umli ħafna. Darba kien daħal f'competition flimkien ma' ħatna sħabu organisti. Kienu b'kollox xi tletin wieħed u dawn riedu li jikkomponu biċċa mużika u jdoqquha huma stess fuq l-orgni. Dan sar biex jimtela' l-post ta' organista full time fil-Katidral Anglikan f'tas-Sliema. Salvu kien messu jdoqq l-aħħar wieħed u wara li kien daqq b'tant ħeġġa u entużjażmu, impressjona ħafna lil dawk li semgħuh idoqq tant li l-judges iddeċidew li jagħtuh l-ewwel post. Pero Salvu m'aċċettax minħabba diffikultajiet ta' trasport li kienu jeżistu f'dawk iż-żmenijiet.

Meta kienu installaw u żanżnu l-orgni l-ġdid tal-Knisja ta' Birkirkara kellhom iġibu organista espert Taljan biex idoqq hu l-ewwel darba. Pero' inzerta li dan marad u ma setax jiġi Malta. Għalhekk ġew is-Siġġiewi jfittxu għand Salvu jgħidulu b'dak li ġara u biex idoqq minflok dak it-Taljan. Salvu ħa pjaċir b'din l-offerta u aċċetta li imur idoqqilhom. Il-performance tiegħu tant kienet milqugħa b'entużjażmu u ferħ li saħansitra huwa ġie merfugħ fuq l-ispallejn hekk kif niżel mill-gallerija tal-orgni. In-nies preżenti li kien hemm jisimgħuh tant ħadu gost bih li kellu jerġa' jitla' jdoqq xi bċejjeċ oħra.

Huwa kien ukoll iħobb isiefer barra minn Malta sa Ruma, sabiex jara b'għajnejh stess diversi orgnijiet kbar prominenti imxerrdin ma' l-Italja kollha. Fejn kien ikun possibbl għalih kien jieħu l-okkażjoni biex idoqq dawn l-orgnijiet. Fost l-orgnijiet li daqq fl-Italja insibu dak tal-Vatikan, ta' Santa Maria Maggiore, ta' San Paolo Fuori le Mura, u tal-belt ta' Messina. Huwa kien iġib miegħu ħafna kotba u manwali rigward l-orgnijiet, b'hekk iżomm ruħu aġġornat rigward it-tiswija u l-manutenzjoni tagħhom.

Salvu baqa' jdoqq sa meta miet fl-eta ta' 74 sena nhar it-23 ta' Marzu, 1952.

*Louis Mamo*

---

## RIŻULTAT — PRESEPJI — 1985

Tfal: Joseph Galea — 'Joslyn' Triq ir-Rebbiegħa.

*Kat. B:* Mark Vella — 'Robingate' Triq ir-Rebbiegħa.

Ta' min isemmi: Mario u Peter Buhagiar — 24 St. Nicholas Str.; Ruben Zarb 4 St. Nicholas Square; Dr. Louis Galea — 'Maria Vittoria' Triq L. Gafa'.

*Kat. C:* Paul Bezzina — 137 Main Str; Jos. Callus — 'Dorant' Triq ir-Rebbiegħa.


DORA

Mother & Child & Stationery

**TRIQ NIKOLA ZAMMIT, SIĠĠIEWI TEL. 641498**

Kull xorta ta' ikel għat-tarbija * Ħwejjeġ tat-tfal u tal-kbar * Costume Jewellery * Cosmetics * Fwejjaħ * Shampoos, etċ.

Issibu wkoll magazines, gazzetti, u kull xorta ta' oġġetti utli għall-iskola.